MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## CLAIRE-LOUISE STAFRACE

Seduta tas-27 ta' Frar, 2012

Numru. 1293/2011

**Il-Pulizija**
**[Spettur Robert Said Sarreo]**

**vs**

**Sefora Galea**

**Il-Qorti,**
Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmija Sefora Galea u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 562184(M).

Akkuzata talli;

Matul ix-xahar t’Awissu 2010 u fix-xhur ta’ qabel gewwa dawn il-gzejjer, xjentament xtrat jew laqghet ghandha oggett misruq u cioè mobile tal-ghamla Nokia 6760 bin-numru EMEI 355203031127898 li l-valur tieghu ma jeccedix il-2329.4 Ewro (Lm1000), mehuda b’qerq jew

akkwistati b'reat sew jekk dan sar f'Malta jew barra minn Malta, jew xjentament, b'kull mod iehor li tkun indahlet biex tbieghu jew tmexxieh.

U aktar talli fl-istess data, lok u hin, b'nuqqas ta' hsieb jew traskuragni, involontarjament hassret jew gharqet l-imsemmi mobile, ghad-detriment ta' Jessica Schembri.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzata sabiex thallas jew taghti kumpens lil Jessica Schembri ghad-danni jew hsara li sar fuq l-imsemmi mobile.

Rat id-dokumenti pprezentati, inkluz il-Kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza odjerna tigi trattata bi procedura sommarja;

Rat l-ezami tal-imputata li wiegbet hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u l-konferma ta' tali ammissjoni wara li nghatat z-zmien opportun sabiex tkun tista' tirregola ruhha; u

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija netta.

Ghal dawn il-motivi wara li rat l-Artikoli 328(d) u 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ssib lill-imputata Sefora Gala hatja tal-akkuzi kif dedotti kontriha u bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap 446 qeghda tilliberaha bil-kundizzjoni li ma tikkommettix reat iehor fi zmien tlett (3) mil-lum. Il-Qorti tordna wkoll illi l-imputata ghandha tirrifondi lill-vittma Jessica Schembri s-somma ta' mitejn u hamin Ewro (€250) fi zmien tlett (3) xhur mil-lum.

Finalment spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM--------------------------------